MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2014

Appell Kriminali Numru. 162/2014

Il-Pulizja

Maggur Josephine Gauci

Vs

Sherif Hardy

Illum 4 ta' Dicembru, 2014,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Sherif Hardy, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 24718A, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Meta b'diversi atti maghmulin minnhu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u kunu gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, bejn is-16 ta' Mejju, 2013 sas-16 ta' Settembru, 2013, meta hekk ordnat min xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas lil jaghti lil Sahar Wassef u/jew lil uliedkom is-somma ffissata minn

xi Qorti jew stiputala bil-kuntratt bhala manteniment ghalija u/jew ghall-ulied fi zmien hmistax il-jum minn dak li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, mghotija fis-7 ta' April, 2014, fejn wara li rat l-artikoli 338(z), u l-artikolu 221(1) tal-Kaptiolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati u ghaldaqstant ikkundannatu piena ta' xahar prigunerija, il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Sherif Haridy, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-15 ta' April, 2014, fejn talab lil din il-Qorti, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjara s-sentenza appellata bhala nulla u tiddisponi minn dan l-appell skond din id-dikjarazzjoni. Alternattivament u minghajr pregudizzju, f'kaz li dan l-appell ma jintlaqax, joghgobha tillibera lill-esponenti mil-piena ta' prigunerija u tapplika minflok d-dispost tal-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' malta fil-konfront tieghu, sabiex b'hekk issir gustizzja skond il-ligi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-Ewwel Aggravju huwa car u manifes in kwantu s-sentenza ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti hija nulla ai fini u l-effetti kollha tal-ligi. Meta l-appellant talab kopja tas-sentenza mghotija fil-konfront tieghu sabiex ihejji l-appell tieghu huwa inghata biss il-kopja tat-tahrika li fuqha kien hemm il-kliem "xahar prigunierj....07.04.2014" (ara kopja annessa u mmarkata Dok. SH1). Illi dan jikkonsisti fi ksur lampanti tal-artikolu 382 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tant illi l-esponenti lanqas ghandu hjiel fuq liema artikoli huwa allegatament kiser u nstab hati. Huwa minnu li l-istess tahrika tindika l-artikoli 338(z), 18, Kap 9 u art. 221(1) Kap 9. Madanakollu, u filwaqt li dawn jikkontemplaw reati kompletament distinit kemm fin-natura u kemm fis-sustanza (specifikament l-art. 221(1) li huwa reat propju l-art. 338(z) li huwa kontravenzjoni), l-esponenti bid-dritt ghandu jkun jaf liema, minn dawn l-artikoli, nstab hati, jew jekk instabx hati taghhom kollha. Huwa minnu wkoll illi proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti tal-Gudikatura Kriminali huma proceduri sommarji, imma b'kull dovut rispett dan m'ghandux jillibera lil dik il-Qorti mill-osservanza tal-ligi, anke ghaliex difett procedurali bhal dan jimpingi u/jew jilledi d-drittijiet fondamentali tal-esponent;

Illi minghajr pregudizzju ghal premess, it-tieni aggravju huwa car u manifest in kwantu il-piena imposta fuq l-esponent ma hijiex wahda gusta fic-cirkostanzi li taw

lok ghal dawn il-proceduri. Jigi premess illi filwaqt li l-esponenti jirrikonoxxi l-obbligi mposti fuqu bis-sahha tal-kuntratt pubbliku tal-11 ta' Jannar, 2010 l-istess esponenti umilment jirrileva li ma kienx f'posizzjoni li jhallas lill-imsemmija Sahar Wassef ir-retta alimenatri ta' €250.00 mensili ghall-uliedu minuri Marie-Therese u Maya peress li fil-perjodu imsemmi 'l fuq kien bla impieg u/jew ma kellux il-mezzi finianzjarji li jonora dan l-obbligu;

Illi l-esponenti jirrileva ulterjorment illi fil-gimghat li gejjin huwa ser ikun f'qaghda finanzjarja ahjar u ghaldaqstant ser ikun jista' jaghmel tajjeb ghal dan il-hlas u hlasijiet sussegwenti;

Illi dan l-obbligu ta' manteniment ma jista' qatt jigi ragjonevolment attwat jekk l-esponenti jispicca fil-habs, anki jekk ghal perjodu ta' xahar, il-ghaliex il-prospettivi tal-esponent ghal introjtu jigi ghal kollox ipperikolati;

Illi konsegwentement l-esponenti laqnas ma jkun jista' jaghmel tajjeb ghal hlasijiet sussegwenti, almenu sakemm jinbdew u jinqataw proceduri civili ghar-riduzzjoni ghar-retta alimentari, u kwindi ser isib ruhu f'sitwazzjoni fejn ser jerga' jkollu jiffaccja proceduri kriminali ulterjui u, allura, prospetivi ohra ta' inkarciment prolongat;

Ikkunsidrat,

Irrizulta mill-provi illi permezz ta' kuntratt pubbliku datat hdax (11) ta' Jannar tal-elfejn u ghaxra (2010) l-appellant u martu Shahar Massef irregolaw is-separazzjoni personali bejniethom. Fost il-kondizzjonijiet imsemmija f'dan il-kuntratt l-appellant obbliga ruhu li jhallas lil martu ghan-nom ta' uliedhom minuri Marie Therese u Maya retta alimentari mensili ta' mitejn u hamsin ewro (€250). L-appellant ma zammx dan l-obbligu bejn is-sittax (16) ta' Mejju tal-elfejn u tlettax (2013) u s-sittax (16) ta' Settembru tal-elfejn u tlettax (2013) u ghalhekk wara rapport maghmul minn Shahar Massef l-appellant tressaq il-Qorti biex iwiegeb ghall-akkuzi kif jidhru fil-bidu ta' dan il-gudikat u b'sentenza tas-sebgha (7) ta' April elfejn u erbatax (2014) il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant hati u ikkundannatu ghal xahar prigunerija.

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell. L-ewwel aggravju jikkoncerna n-nullità tas-sentenza u dana peress meta gie biex ihejji l-appell inghata kopja tat-tahrika illi fuqha kien hemm biss l-appunti tal-Magistrat minghajr ma jissemmew l-artikoli tal-ligi illi taghhom l-appellant kien qieghed jinstab hati. It-tieni aggravju jikkoncerna l-piena illi hija wisq gravuza fil-konfront tieghu. Jirrileva illi huwa ma hallasx fi zmien indikat peress illi hu gie terminat l-impjieg tieghu u ma kellux mezzi finanzjarji biex ihallas dak li huwa dovut lil martu.

Ikkunsidrat:

Rigward l-ewwel aggravju din il-Qorti kellha diversi okkazjonijiet sabiex tirrileva illi l-kopja li taghmel stat fil-konfront ta' terzi hija dik rilaxxata taht il-firma tad-deputat registratur u mhux fotokopja tal-komparixxi b'xi appunti li seta'ghamel il-Magistrat. Dawk l-appunti jibqghu personali tal-Magistrat u ma jaghmlux stat fil-konfront ta' terzi peress illi l-ligi tirrikjedi biss illi dak illi jghid il-Magistrat fis-sentenza jkun registrat u riprodott fil-kopja li jkun irrilaxxa d-deputat registratur.

Fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija versus Albert Bezzina tal-25 ta' Lulju 1994 il-Qorti tal-Appell qalet, "La l-artikolu 377(1) u lanqas l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali ma jirrikjedu li s-sentenza tinkiteb mill-Magistrat; dak li trid il-ligi hu li dak li jghid il-Magistrat meta jaghti s-sentenza jigi registrat u riprodott fil-kopja tas-sentenza. Dak illi hemm fuq il-komparixxi huma l-appunti tal-Magistrat, mhux is-sentenza, ...". Bejn dawk l-appunti u l-kopja tas-sentenza kif jidher f'dawn l-atti ma hemmx kontradizzjoni. Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi respint (ara ukoll Il-Pulizija versus Raymond Parnis, Appell Kriminali 2 ta' Mejju 2012).

Rigward it-tieni aggravju jidher illi mhuwiex kontestat illi fil-fatt l-appellant ma hallasx il-manteniment dovut fil-perjodu imsemmi. Jghid biss però illi ma kienx f'pozizzjoni finanzjarja illi jaghmel dan ghax safa bla xoghol. Il-Qorti ma jidhirliex illi din hija skuza valida sabiex persuna ma tonorax l-obbligazzjonijiet kuntrattwali taghha u l-qrati taghna dejjem insistew illi skuza bhal din m'ghandhiex treggi sabiex persuna tehles minn tali obbligi. Fil-kawza Il-Pulizija versus Anthony Saliba deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-15 ta' Lulju 1998 intqal, "... jekk persuna ma tkunx tista' thallas il-manteniment dovut anke f'kaz li persuna tisfa bla xoghol, dan ma jiskuzahiex mill-obbligu taghha li twettaq id-digriet tal-Qorti Civili, obbligu sancit bir-reat ta' natura kontravenzjonali li tahtu hu akkuzat l-appellant. Ir-rimedju li ghandu u li kellu l-appellant kien li jadixxi tempestivament u fi zmien utli lill-Qorti Civili kompetenti biex din, wara li tiehu konjizzjoni tal-provi, tipprovdi billi se mai timmodifika l-ordni dwar il-manteniment. Hu biss wara li jottjeni tali modifika, li jkun jista' jhallas anqas jekk ikun il-kaz. Sakemm dan isir, jibqa' marbut bl-obbligu tal-hlas skont l-ewwel digriet." (ara ukoll Il-Pulizija versus Alfred Camilleri, 18 ta' Settembru 2002, u Il-Pulizija kontra Lawrence Mifsud, 15 ta' Ottubru 2009).

F'dan il-kaz meta l-appellant sab ruhu f'pozizzjoni finanzjarja difficli flok ma adixxa tempestivament lill-Qorti Civili kompetenti iddecieda unilateralment illi jzomm lura l-manteniment dovut lil uliedu. Dan ma setax jaghmel u l-iskuza li gab fl-aggravju ma tistax treggi. Ghalehkk dan l-aggravju wkoll qed jigi respint.

Ghal dak li jirrigwarda l-piena l-principju regolatur hu li mhux normali illi d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti tigi disturbata jekk il-piena inflitta tidhol fil-parametri tal-ligi. Dan hu f'dan il-kaz. Però l-Qorti mhix insensittiva ghall-verbal maghmul mill-parti leza fis-seduta tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Novembru tal-elfejn u erbatax

(2014) fejn iddikjarat li ghal dak li jirrigwarda din il-kawza l-appellant hallas dak kollu dovut u m'ghandhiex aktar pretensjonijiet kontrih. F'dan il-kaz il-Qorti jidhrilha, kif normalment timxi f'kazijiet bhal dawn, illi ghandu jkun hemm temperament fil-piena biex issegwi t-taghlim tal-kawza deciza fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Settembru tal-elfejn u tlieta (2003) Il-Pulizija versus Publius Said, "L-iskop tal-legislatur, meta introduca din il-kontravenzjoni fil-Kodici Kriminali ..., kien li ssir pressjoni fuq id-debituri rikalcitranti sabiex jonoraw l-obbligi taghhom u mhux biss biex timpunixxi l-ksur tal-ordnijiet, digrieti jew sentenzi tal-Qorti, ordnijiet illi ghandhom dejjem jigu osservati skrupolozament, jew il-ksur ta' stipulazzjonijiet kontrattwali bejn il-konjugi. F'dan il-kaz dan l-ghan intlahaq u ghalhekk hemm lok ta' temperament fil-piena ...". U dan huwa proprju dak li se taghmel din il-Qorti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' in parti l-appell, tikkonferma s-sentenza appellata ghal dak li jirrigwarda l-mertu u d-dikjarazzjoni ta' htija izda tirriformaha ghal dak li jirrigwarda l-piena u flok xahar prigunerija tillibera lill-appellant taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kap 446 bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------